# BORD TA' L-ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Gimgha 15 ta' Gunju 2001**

**Rikors numru 5/96**

**Numru 43**

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Louise Schembri, Saviour Borg Falzon u Frank Borg Flazon u b'digriet tal-Bord tal-4 ta' Ottubru 1996 il-kunjom Borg Flazon gie sostitwit mill-kunjom Borg Falzon**

Il-Bord,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ippremetta illi b'ittra ufficjali tat-3 ta' Jannar, 1996 l-intimati gew notifikati b'kopja ta' Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta, fejn fost affarijiet ohra gie dikjarat li l-fond fl-Isla, Triq il-Habs il-Qadim Nru 5 huwa mehtieg ghall-Skopijiet Pubblici u li l-akkwist taghha ghandu jkun b'titolu ta' Dominju Pubbliku.

Illi l-intimati gew ukoll notifikati b'Avviz ghall-Ftehim fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghall-akkwist b'titolu ta' dominju pubbliku tal-fond fuq imsemmi huwa ta' hames liri maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm5.29,0) fis-sena kif jidher mir-rapport tal-Perit O. Caruana Montaldo A&CE tat-28 t'Ottubru 1992 li estratt tieghu huwa anness mal-avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tat-22 ta' Jannar 1996 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' erba mija u hamsin liri Maltin (Lm450) fis-sena.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' dominju pubbliku l-fond fuq imsemmi, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vicent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap.88).

Ra d-dokumenti annessi mal-istess rikors (fol 4 sa 7 tal-atti)

Ra r-risposta tal-intimati (fol 8 u 12 ibid) li biha esponew:

1. Illi l-akkwist b'titolu ta' dominju pubbliku tal-fond numru hamsa (5) fi Triq il-Habs il-Qadim, Senglea, konsistenti fi blokk ta' erba (4) appartamenti u kantina, bil-kumpens offert ta' Lm5.29c fis-sena, huwa ridikolu ghall-ahhar biex ma jinghad xejn aktar;

2. Illi mehud in konsiderazzjoni l-kobor tal-blokk ta' appartamenti, l-lokalita', il-prezz, l-ispejjez inkorsi anki ghar-riparazzjonijiet strutturali fosthom bdil ta' soqfa li huma jew l-aventi kawza taghhom kienu ghamlu matul is-snin, l-ammonti fis-sena li kienu jdahhlu bhal kirjiet ta' l-appartamenti, u l-liberazzjoni attwali fil-Ligijiet tal-Kera, l-kumpens ghandu jkun ferm u ferm aktar.

3. Salv risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kaz, specjalment ir-relazzjoni tal-Periti Teknici ta' dan il-Bord u annessa mal-atti fis-seduta tad-9 ta' Far 2001.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi f 'dan il-kaz il-Bord qed jintalab, wkoll sabiex jiffissa il-kumpens relattiv in rigward l-akkwist, da parti tar-rikorrent, tal-post in kwistjoni b'titolu ta' dominju publiku.

Illi in rigward din it-talba, issir referenza ghal:-

a) L-artikolu 27 (13) tal-Kapitolu 88 citat.

b) Ix-xhieda ta' Saviour Vella (fol 19 tal-atti) li xehed in rappresentanza tad-Direttur ta' Registru Pubbliku "qua" "Land Valuation Officer".

c) Ir-relazzjoni tal-Periti teknici ta' dan il-Bord li ssottomettew ir-rapport taghhom fis-seduta tad-9 ta' Frar 2001.

Ikkunsidra

Illi a basi tal-premess jidher li l-kumpens b'titolu ta' dominju Pubbliku, in konnessjoni mal-akkwist tal-post in kwistjoni (ara fol 17 u 18 tal-atti) ghandu jkun ta' Lm26.25,0 fis-sena.

Ghal dawn il-motivi, il-Bord jilqa t-talbiet tar-rikorrenti u;

1. jordna lill-intimati biex jittrasferixxu lir-rikorrenti b'titolu ta' dominju publiku, il-fond numru 5, Triq il-Habs il-Qadim, fl-Isla;

2. jiffissa l-kumpens xieraq relattiv, pagabbli mid-data tad-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta, fis-somma ta' Lm26.25,0 fis-sena;

3. jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli biex jippubblika l-att relattiv u dan bis-sostituzzjoni tan-Nutar li jkun jaghmel minfloku, fid-Dipartiment tal-Art;

4. jiffissa bhala gurnata, hin u lok tal-istess publikazzjoni, l-imsemmi Dipartiment fis-27 ta' Lulju 2001 fid-9.30a.m.;

5. jinnomina bhala kuratur ghall-eventwali kontumaci, lill-Avukat Dottor Anthony Cutajar, bl-ispejjes bla taxxa.

Alan Calleja
Dep. Reg